MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 659/1987/1

**Carmel Cutajar**

**vs**

1. **Josephine Mary sive Josephine Cutajar;**

**2. l-istess Josephine Mary sive Josephine Cutajar konfermata b'digriet tal-14 ta' Settembru 1987 kuratrici deputata biex tirrapresenta lil minuri Conrad maghruf bil-kunjom Cutajar;**
**u b'nota tal-hdax (11) ta' Novembru, 2003 Conrad Cutajar**
**assuma l-atti tal-kawza peress li sar maggorenni;**

**3. u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi huwa u Josephine Mary sive Josephine Cutajar izzewgu fil-21 ta' April 1974; illi fil-15 ta' Awissu 1976 twieled il-minuri Conrad (Dok. A) liema tifel gie registrat bhala iben l-attur Carmel Cutajar billi kienu mizzewgin; illi dan it-tifel mhuwiex tal-attur billi l-attur ma setax ikollu tfal kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher mid-dokumenti annessi markati B, C, D, E, F u G; illi l-attur irid li dan l-istat tat-tifel jigi regolarizzat billi jigi dikjarat li t-tifel Conrad mhux iben l-attur; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi tifel minuri Conrad sallum maghruf bil-kunjom Cutajar li twieled fil-15 ta' Awissu 1976 (Certifikat tat-Twelid numru 4217/1976) ma hux it-tifel tal-attur billi l-attur ma setax ikollu tfal; 2. konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri Conrad numru 4217/1976 billi fil-kolonna dwar it-taghrif tal-missier, l-isem tal-attur Carmel Cutajar jigi mhassar u jigu kancellati wkoll il-konnotati u taghrif relativi ghall-istess attur Carmel Cutajar u fil-kolonna dwar it-taghrif tal-omm il-kliem *the said* jigu kancellati; bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Mary sive Josephine Cutajar proprio et nomine illi permezz taghha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi miz-zwieg ta’ l-attur u l-eccipjenti Josephine Mary sive Josephine Cutajar li sar fil-21 ta’ April 1974 twieled il-minuri Conrad Cutajar;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Josephine Mary sive Josephine Cutajar u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, illi permezz taghha eccepixxa:
(1) Illi, preliminarjament, f’dan l-istadju mhux edott mill-fatti u jirrimetti ruhu ghall-provi, fosthom li l-impotenza hija bid-dieher kif titlob il-ligi u li l-azzjoni odjerna saret fiz-zmien mitlub bil-ligi;

(2) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, jekk tintlaqa’ t-talba odjerna jkun jihtieg tizdied talba ohra fis-sens illi l-kelmiet “Carmel Cutajar” jithassru u jigu sostitwiti bil-kliem *unknown father*;

(3) Illi m’ghandux ibati spejjez;
Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ik-dikjarazzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, guramentata min-Nutar Dottor Marius Said, u l-lista tax-xhieda relattivia;

Rat is-sentenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Gunju, 2002 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel domanda ta’ l-attur u, konsegwentement, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni domanda, spejjez ghall-attur, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi l-attur ftit qabel ma intavola dina l-kawza dwar il-paternità kien ipprezenta wkoll kawza ohra bin-numru 535/87 fejn talab lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg minnu kontrattat mal-istess konvenuta u skond diversi verbali jirrizulta li l-partijiet kienu qablu li l-provi li jingabru f’kawza wahda kienu japplikaw ukoll ghall-kawza l-ohra, u rrizulta li z-zewg kawzi mxew flimkien anki fil-gbir tal-provi u mill-processi relattivii jidher li kien hemm anki xi

rikors intavolat f'kawza wahda u li gie inserit fil-kawza l-ohra però jidher ukoll li pratikament ix-xhieda kollha tinsab fil-process ta' din il-kawza dwar il-paternità. Izda l-Qorti fid-determinazzjoni ta' din il-kawza ezaminat ukoll l-atti kollha tal-process l-iehor;

"Illi l-kontendenti zzewgu fl-1974, u fl-1976 il-konvenuta welldet lill-minuri Conrad;

"Illi l-attur fl-1987 intavola l-kawza odjerna ftit gimghat wara li kien intavola l-imsemmija kawza l-ohra ghall-annullament taz-zwieg;

"Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur talab li jigi dikjarat li l-imsemmi Conrad ma hux il-wild naturali tieghu u din it-talba ibbazaha fuq il-premessa li huwa ma setax ikollu tfal;

"Illi hafna mill-provi mressqa kienu jikkoncernaw propju dan il-punt peress li l-attur insista li mid-dokumenti esebiti tat-*tests* li huwa kien issottmetta ruhu ghalihom jirrizulta li kien minn mindu zzewweg li ma setax ikollu tfal;

"Illi fil-bidu ta' dawn il-proceduri wara n-nomina ta' l-espert legali inhasset il-htiega li jigi nominat espert mediku u fil-fatt gie nominat il-Prof. Edwin Grech biex jaghmel relazzjoni dwar il-kaz; il-konkluzjonijiet tieghu jidhru fir-rapport minnu konfermat, u minn dana r-rapport kif ukoll mix-xhieda illi huwa ta in eskussjoni quddiem il-Qorti huwa esprima l-opinjoni li kien ikun opportun illi isir id-*DNA Fingerprinting* li fi zmien meta kien gie nominat, kien ghadu pjuttost novità f'dawn il-Gzejjer;

"Illi jirrizulta li f'mument minnhom il-kontendenti pprezentaw rikors kongunt u in segwitu l-Qorti awtorizzat lill-mibki avukat Dr. Joseph M. Ciappara biex jiehu s-*samples* tad-demm gewwa l-Ingilterra ghand is-socjetà *Cellmark*; irrizulta wkoll illi minhabba xi dubju espress mill-istess socjetà ingliza, regghu ittiehdu *samples* ohra tad-demm u mbaghad hareg ir-rapport definittiv;

"Illi r-rapport imsemmi ta' l-espert Prof. Grech kien ingieb a konjizzjoni tal-partijiet u tad-difensuri ghalkemm kien

ghadu ma giex ikkonfermat formalment kif titlob il-ligi u kien biss wara li saru diversi analizi u indagini ohra li dan ir-rapport gie kkonfermat fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 1995;

“Illi in segwitu ghal din il-konferma l-attur talab il-hatra ta’ periti addizzjonali u dawn gew nominati fit-12 ta’ Gunju 1996;

“Illi dawn l-esperti regghu ezaminaw ic-certifikati kollha li gew rilaxxjati u ezaminaw l-atti kollha tal-process;

“Illi irid jigi rilevat li qabel in-nomina taghhom, irrizulta li l-attur u certu wahda M. Camilleri kellhom korrispondenza shiha ma’ *Cellmark Diagnostics* fejn talbu bosta kjarifiki. Irid jigi rilevat li la l-attur u anqas dina Camilleri ma ghamlu referenza esplicita ghal xi rapport ta’ *Cellmark* imma kitbu biex jippruvaw jiehdu informazzjoni minghajr ma jaghtu l-vera posizzjoni li kienu qeghdin jindirizzaw; b’dana kollu l-esperti addizzjonali kellhom quddiemhom l-opinjonijiet kollha moghtija minn *Cellmark* u li fuqhom l-attur ipprova jibbaza l-premessi tieghu. Il-Qorti ma taqbilx mal-mod illi bih saru d-domandi però *una volta* li kien hemm ir-risposti, sar sewwa mill-abili relaturi li kkonsidraw kollox biex ikunu certi li ma hallew l-ebda dettall jew informazzjoni li ma jkunux jafu bih qabel ma waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom;

“Illi l-attur fost il-provi li ressaq esebixxa certifikat rilaxxat minn espert go l-Ingilterra bl-isem ta’ Dr. Katz li lilu l-attur kien gie indirizzat minn tabib iehor ingliz. Dan ic-certifikat jittratta dwar l-allegati nuqqasijiet ta’ l-attur u jaghti l-parir illi l-attur bin-nuqqasijiet fisiologici tieghu ma kienx f’posizzjoni li jiggenera tfal; anki hawn ma jistax ma jigix osservat li meta ntalab dawn il-provi minghand l-espert, l-attur jew Camilleri ma tawhx stampa tajba tas-sitwazzjoni imma biss talbuh biex jaghti opinjoni fuq certifikati illi huma indikawlu;

“Illi jrid jigi rilevat li l-konvenuta kienet talbet li dan ic-certifikat u l-korrispondenza sussegwenti kellhom jigu sfilzati, imma l-attur iddikjara illi dan it-tabib kien ikun lest biex isirlu l-kontro-ezami. B’dana kollu l-Qorti ppruvat

tissorvola dawn il-punti procedurali u assigurat li l-periti addizzjonali jkollhom ukoll quddiemhom dak kollu illi qal dana Dr. Katz, ghalkemm huwa ovvju li kieku sar il-kontro-ezami ta' l-imsemmi tabib, l-imsemmija periti addizzjonali ma kienx ikollhom 'problema' li minhabba certa diskrepanza fid-dokumenti li baqghet minghajr spjegazzjoni, kellhom jistqarru li '*din tidher li hija kontradizzjoni fiha nnifisha*' - b'referenza ghar-rapport u ghall-opinjoni espressa minn Dr. Katz;

"Illi dwar dan in-nuqqas ta' kjarezza fid-dokument ta' Dr. Katz, il-Qorti tinnota wkoll illi jidher illi huwa fehem li kien qed iwiegeb ghal domanda genwina dwar jekk l-attur setax ikollu tfal jew le, tant illi huwa wasal biex issuggerixxa li jkun hemm *in vitro fertilisation* jew inkella li jadotta xi minuri - ara kemm ma kienx fehem il-posizzjoni. Veru li huwa esprima opinjoni imma meta ghamel hekk kien qed jifhem li kellu problema ta' xi hadd li ried it-tfal u mhux opinjoni esperta li kienet ser tigi ezaminata u kkritikata mill-aspetti kollha medici u mhux mill-aspett uman li huwa indirizza;

"Illi rrizulta li madwar hames snin wara li kien ghamel ir-rapport originali tieghu, Dr. Katz rega' gie mitlub certi spjegazzjonijiet u huwa wiegeb fit-30 ta' Lulju 1998; il-Qorti ma tistax ma tinnotax b'hafna attenzjoni il-fatt illi l-attur ma esebixiex mill-ewwel ic-certifikat imsemmi flimkien ma' l-ittra illi huwa kien kiteb lil Dr. Katz l-Ingilterra. Il-Qorti ma teskludix illi fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet u tal-mod kif saret it-talba lil Dr. Katz, il-Qorti tifhem li din '*il-kontradizzjoni fiha innifisha*' innotata mill-esperti addizzjonali, setghet ukoll grat minhabba illi l-problema principali li dwarha kien qieghed iwiegeb Dr. Katz, kienet ghal kollox differenti minn dik meritu tal-kawza odjerna;

"Illi l-Qorti nnotat ir-reqqa li biha l-esperti addizzjonali oltre r-rapport taghhom wiegbu ghad-domandi bil-miktub li ghamlilhom l-attur u anki wiegbu *viva vice* meta gew eskussi quddiem il-Qorti;

"Illi fi stadju inoltrat ta' dawn il-proceduri tfaccat il-kwistjoni li l-missier naturali ta' Conrad seta' ma kienx l-attur imma addirittura missier l-attur u sahansitra l-attur wasal li talab li jerga' jsir *DNA Fingerprinting* ukoll ta' ommu. Dina t-talba l-Qorti ma laqghathiex ghaliex hasset li l-posizzjoni kienet cara bizzejjed wara li semghet lill-imsemmi[ja] periti addizzjonali u bdiet tifhem li setghet kienet ukoll tentattiv iehor biex il-proceduri, li ilhom mal-15-il sena, jkomplu jitwalu. Fic-cirkostanzi ma hassitx li kien hemm il-htiega ta' analizi u rapporti ohra u dana anki fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ser jinghadu aktar l-isfel;

"Illi jrid jigi rilevat li t-testijiet saru ghand *Cellmark Diagnostics* wara li kien hemm qbil u talba f'dan is-sens miz-zewg partijiet, b'dana kollu l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu ghamel ukoll hafna allegazzjonijiet serji dwar l-imsemmija ditta *Cellmark Diagnostics* u sahansitra wasal biex fin-nota tieghu tas-7 ta' Ottubru 1997 qal li huma kienu talbu t-tieni *test* peress li '*kulhadd fehem li hargilhom rizultat bizarr*' u riedu jaghmlu t-*test* mill-gdid u allura vvintaw din tal-'*mislabelling*';

"Illi kif già inghad, kien fid-dawl ta' dawn it-*tests* imsemmija li l-attur beda jibbaza hafna mill-argumenti tieghu fuq il-possibilità li missieru stess kien il-missier naturali ta' Conrad; ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tinnotax, kif digà intqal, il-mod li M. C. Camilleri kitbet lil *Cellmark* - li ma tatx l-istorja taghha imma ppruvat twassal lill-istess ditta biex tghid xi haga li biha tkun tista' tattakka l-konkluzjonijiet tat-*tests* mizmuma;

"Illi kif gustament qal l-attur fin-nota imsemmija tieghu '*dina hija kawza delikatissima u m'ghandu jithalla xejn barra mir-ricerka tal-verità*'. Ir-rapport ta' Dr. Katz gie infatti riprodott u anki interpretat izda kif intqal kien ikun ahjar kieku dana gie kontro-ezaminat anki dwar l-isfond u c-cirkostanzi illi fihom huwa kien hejja r-rapport originali tieghu u fuq liema bazi;

"Illi dwar dan ir-rapport ta' Dr. Maurice Katz, il-periti addizzjonali ssottomettew li '*bir-rispett kollu lejn Dr. Katz,*

*ir-rapport tieghu ma kienx mibni fuq il-fatti kollha*' u dan peress li sar qabel ma kien hemm id-*DNA Fingerprinting*;

"Illi l-istess esperti addizzjonali ma qablux mas-sottomissjonijiet ta' l-attur dwar '*Sertoli Cell Only Syndrome*' u qalu li '*ghalkemm il-genes koncernati jkunu hemm mill-koncepiment, is-sintomu tal-marda jidher wara l-pubertà*' u kkonkludew li ghaldaqstant dawn il-fatti ma jeskludux il-possibilità li bniedem bis-*Sertoli Cell Only Syndrome* '*xorta wahda jista' jiggenera tqala f'mara*'; l-azoospermia giet ippruvata ghaxar snin wara it-twelid ta' Conrad;

"Illi jrid jigi rilevat li kien biss f'dawn l-ahhar snin li gie zviluppat id-*DNA Fingerprinting* biex dan iwaddab dawl qawwi fuq l-istampa quddiem il-Gudikant; dan però ma jfissirx li l-Qorti ghandha toqghod biss fuq dawn ir-rizultati; anki qabel dawn l-analizi il-Qrati kellhom kawzi simili u gew decizi skond il-ligi. L-ezami tal-kawza odjerna jiehu xejra ferm differenti minn dawk li kienu jkunu l-parametri li fihom il-Qrati taghna kienu jikkonsidraw fattispeci simili; imma anki qabel ma gie zviluppat dan it-tip ta' analizi, il-Qorti kienet tiehu wkoll konjizzjoni ta' talbiet simili u dan fuq l-iskorta tal-provi li jkunu tressqu u skond il-parametri tal-gurisprudenza; ghalhekk il-Qorti ma tibbazax ruhha biss fuq ir-rizultati medici imma ghandha twiezen il-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif jirrizultaw mill-process;

"Illi anki minhabba dak li intqal hawn fuq dwar il-possibilità li l-missier naturali ta' Conrad seta' kien missier l-attur, il-Qorti hadet ferm aktar hin biex tezamina x-xhieda kollha tassew estensiva fid-dawl ta' dina l-allegata possibilità;

"Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha x-xhieda li inghatat anki jekk diversi drabi din kienet ripetittiva u kultant anki superflua, biex tipprova tifhem sewwa ic-cirkostanzi tal-hajja kollha tal-kontendenti, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll fil-perjodu li baqghu jghixu flimkien;

"Illi fl-ezami ta' l-atteggjament u tal-mod tal-hajja tal-konvenuta (tant importanti biex tintlaqa' talba bhal dik ta' l-attur) il-Qorti fittxet biex tara tistax tilqa' t-talba ta' l-attur

jekk il-konvenuta kienitx mara li tfittex relazzjonijiet extra-konjugali jew jekk l-imgieba taghha kienitx tali li tispjega kif il-konvenuta setghet harget tqila minn ragel iehor u mhux minn zewgha;

“Illi ghalkemm ma tressqux xhieda estranei, il-Qorti osservat kemm l-attur kien vigilanti fuq l-imgieba ta’ martu kemm bhala gharusa, kif ukoll bhala mara tieghu; ghalkemm probabbilment ma kienx rizultat ta’ xi ghira kbira li l-attur kellu ghall-konvenuta, il-Qorti tat hafna piz lil mod kif ma qabizlux l-atteggjament ta’ certu Coppola li kellu hanut biswit dak taz-zija tal-konvenuta fejn kienet tahdem; l-attur stqarr ‘*dan kien jidhol jiccajta mieghi f’dak is-sens li kien jitfa idejh fuq spallejn Josephine (il-konvenuta) u kien jghidli ‘xi tfajla ser tiehu, kemm inti ffurtunat, xi tfajla ser tiehu’ u li l-istess konvenuta fil-presenza ta’ dan Coppola (li kien jimpjega liz-zija tal-konvenuta qabel din kellha l-hanut taghha), kienet tidhaq, tghoxa u tghidli ‘kemm hu gustuz, nisthajlu qisu wiehed taljan b’dawk ic-certi karezzi’, u hi ma kienitx tirrifjuta fis-sens li per ezempju timbuttalu idejh jekk ipoggi idejh fuq spallejha; f’dan is-sens irrid nghid jien*’; ma ghamel l-ebda allegazzjoni ta’ xi azzjoni hazina, imma biss ‘*ghalija dawn l-affarijiet qatt ma ghamilthom jien*’;

“Illi l-attur isemmi ukoll kazi ta’ meta kienu ghadhom jghixu flimkien, ‘*kien icempel it-telefon u meta naqbad it-telefon jiena kienu jaqtghu, imma b’daqshekk ma kien ifisser xejn imma dejjem kien ikun lehen ta’ ragel*’; (fol 230)

“Illi l-Qorti tat ukoll piz lill-precizjoni u dettalji moghtijja mill-attur fir-rakkont ta’ l-episodju meta, ‘*ghal habta ta’ Frar meta jiena kont ghadni ghassa Haz-Zabbar*’ u kien tilef appuntament li huwa kien ser ikollu biex jiltaqa’ ma’ habibtu Marlene, u meta mar id-dar, ftit wara cempel il-bieb wiehed habib tieghu Joe Stafrace (li l-attur jghid li kien namrat precedenti tal-konvenuta) u dan mit-twegiba u reazzjoni tieghu gieghel lill-attur jahseb hazin;

“Illi dan qed jigi rilevat biex jindika kif l-attur kien tant attent ghal martu, u hlief dawn l-episodji leggeri u mhux sostanzjati ma sab xejn li dwarha kellu jixhed fi stqarrija

ezawrjenti tieghu ta’ ’il fuq minn hamsin pagna *typewritten*;

“Illi hawn ghandna kaz ta’ stat legittimu ta’ Conrad li twieled waqt li l-kontendenti kienu regolarment mizzewgin u jabitaw fl-istess dar; il-legislatur dejjem hares li jikkonferma kemm jista’ jkun l-istat legittimu ta’ persuna; b’dana kollu ma cahadx lir-ragel mizzewweg il-jedd li jattakka l-paternità attribwita lilu minn dan l-istat legali bhala bniedem mizzewweg. Naturalment talba simili kellha tkun ippruvata b’mod car;

“Illi fil-kaz in ezami l-Qorti ma tifhimx li l-attur ressaq wisq provi li jistghu iwasslu ghal dikjarazzjoni li l-konvenuta martu kienet hatja ta’ adulterju jew kienet xi mara li thobb tigri ma’ l-irgiel;

“Illi fl-ahhar ta’ dawn il-proceduri u wara l-ezami *DNA Fingerprinting* l-attur ra il-possibilità li kien fadallu u li harget biss mir-rizultat ta’ l-ezamijiet imsemmija - dik li martu kkommettiet adulterju ma’ missieru stess;

“Illi fil-konsiderazzjoni ta’ din l-allegazzjoni l-Qorti ezaminat ir-relazzjoni li l-attur kellu ma’ missieru u anki c-cirkostanzi li gew minnu spjegati. Illi tul ix-xhieda kollha ta’ l-attur u f’diversi partijiet taghha huwa dejjem insista li ‘*jiena kont nibza’ hafna minn missieri*’ u li ‘*tant kont nibza’ minn missieri li ghax darba kont domt ma’ Marlene, meta mort id-dar missieri ried ikun jaf fejn kont u ma’ min hrigt u tefali kaxxa tal-birra u keccieni ’l barra u kelli mmur noqghod ghand in-nannu*’;

“Illi mix-xhieda ta’ l-attur jidher li missieru kien qisu seqer fuqu u repetutament kien anke jheddu illi kien ser joqtlu; ix-xhieda ta’ l-attur hija mimlija episodji li jpingu lil missieru, ex-surgent tal-pulizija, bhala ragel mill-izjed serju u intransigenti; minn dan l-ezami l-Qorti ma tara li hemm l-ebda hjiel ta’ prova jew anke cirkostanza li setghet tindika att incestuz da parti ta’ missieru; l-attur li kien tant attent u suspettuz dwar Coppola, Joe Stafrace jew it-telefonati, kien certament jaghti xi hjiel dwar din l-allegazzjoni hekk serja;

"Illi ghalkemm l-attur jaghti stampa ta' zaghzugh imwerwer jekk mhux ukoll terrorizzat minn missieru li dejjem segwa mill-qrib il-hajja tax-xoghol u sentimentali tieghu, b'dana kollu huwa xejn ma ddejjaq li bejn l-*engagement* u t-tieg ikollu relazzjoni ma' mara ohra u ma' din '*kien ikolli x'naqsam darba darbtejn tlieta fil-gimgha; oltre dan fl-istess perjodu kien ikolli x' naqsam ma' l-gharausa (il-konvenuta odjerna) minn darba sa darbtejn fil-gimgha sakemm kienet thallini*';

"Illi l-atteggjament ta' l-attur jidher car ukoll meta huwa stqarr li '*lil Marlene (it-tfajla l-ohra) ma kontx ghidtilha li kont gharus lill-konvenuta ghax inkella ma kientix tohrog mieghi*', ghalkemm kien jidher ovvju li tfajla li tohrog maghha ghal tlett snin u nofs u jkollok sahansitra x'taqsam maghha (fis-sens ovvju ta' dan il-kliem) '*darba, darbtejn tlieta fil-gimgha*' u din ma tindunax li hu kien gharus ma' ohra, ghalkemm in segwitu stqarr illi fl-ahhar kien qalilha li kien gharus; illi anke fl-*affidavit* tieghu imhejji fuq domandi ta' l-istess avukat tieghu l-attur ikkonferma '*fil-fatt la Marlene ma kienet taf b'Josephine u anqas Josephine ma kienet taf b'Marlene*'; wisq anqas tidher verosimili r-reazzjoni ta' dak il-pulizija strett ta' missieru li kkontrollalu hajtu, li meta nduna bil-hajja doppja ta' ibnu kull ma qallu kien '*ticcewwec, ghandi l-hbieb*'; l-attur jispjega illi ghalkemm missieru kien jaf sewwa bir-relazzjoni intima li kellu ma' mara ohra, huwa ma jidhirx li qatt beza' minn dan però kien jibza li '*kien jaqbadni fil-fatt*';

"Illi l-verzjoni li tat dwar ir-relazzjoni taghha ma' l-attur, Marlene Camilleri ma tantx taqbel ma' dak li qal l-attur, meta stqarret illi mhux talli kienet taf sewwa bl-gherusija tieghu mal-konvenuta talli '*kien jghidli hu kien ser jizzewwigha ta' bilfors ghax missieru kien heddu*.' B'dana kollu '*jiena bqajt nohrog mieghu anki sal-gurnata tat-tieg tieghu, u sa lejliet it-tieg hrigna flimkien mis-sitta sat-tmienja u kwart ta' filghaxija*';

"Illi ma tantx jidher illi l-attur kien jibza' minn missieru meta wiehed jaqra dak li xehdet Marlene Camilleri dwar dak li gara waqt ir-riceviment tat-tieg innifsu, liema

riceviment sar fil-*Westminister Hall*, l-Imsida - '*jiena bqajt barra s-sala flimkien mal-habiba tieghu Carmen xebba Caruana peress li l-attur qalli li f'xi hin waqt ir-reception kien ser jinzel ikellimni. Fil-fatt hekk ghamel u ftiehem mieghi li jumejn wara cioè it-Tlieta filghodu johrog mieghi*', dana wara illi hija kienet marret wkoll ghac-cerimonja fil-knisja; l-attur ipprova wkoll iwahhal fl-istess Marlene li zzewweg lil Josephine peress li huwa xehed illi Marlene kienet tibza' minn missieru u kien dan il-bizgha li zammu milli jaqta' minn ma' Josephine - qisu l-bizgha ma kienx tieghu imma kien taghha;

"Illi mill-istampa li ta l-attur kif kien terrorizzat minn missieru, il-Qorti ma setghetx tifhem kif fl-ahhar wasal biex attribwixxa il-possibilità lil missieru li kien il-missier naturali ta' Conrad. Illi huwa veru li skappatella ta' darba tista' twassal ghal tqala bil-konsegwenzi kollha li jistghu isegwu; però kaz simili ma jidhirx li jista' japplika ghac-cirkostanzi tal-hajja bejn il-kontendenti;

"Illi mill-provi tal-kontendenti jirrizulta li ftit xhur qabel ma l-konvenuta kienet harget tqila b'Conrad, hija kienet korriet wara tqala ta' ftit xhur; dwar dan l-attur ma tantx dahal fid-dettal fix-xhieda tieghu, izda l-konsegwenza logika li tista' twassal ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-attur hija li l-konvenuta, anki f'dik it-tqala precedenti kienet marret ma' xi ragel iehor u kkomettiet adulterju iehor; dan certament ma giex ippruvat mill-attur u ghalhekk il-Qorti, apparti kull analizi genetiku li seta' sar u li kollha indikaw li t-talba ta' l-attur ma kelliex tigi milqugha anqas fuq bazi xjentifika, il-Qorti ma tarax li l-attur irnexxielu jipprova li martu kkommettiet adulterju la ma' missieru u lanqas ma' xi terza persuna li seta' wassal ghat-tqala taghha u ghat-twelid ta' Conrad."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata, imhassra u annullata s-sentenza ta' l-allura Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Gunju, 2002 u illi jintlaqghu it-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Rgistru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-konvenuta Mary Josephine sive Josephine Cutajar proprio et nomine u ta’ Conrad Cutajar illi sar maggorenni illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-attur kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Fi kliem ir-rikors ta’ appell: “Illi s-sentenza appellata skartat l-aktar punt fundamentali, u cioè li l-attur qatt (jigifieri, minn dejjem) ma seta’ jkollu tfal”;

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet ghal kollox fuq l-opinjonijiet tal-periti addizzjonali, liema periti strahu ghal kollox fuq ir-rizultat tad-DNA testing”;

3. Illi, dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… l-Ewwel Onorabbli Qorti ppruvat ssib sostenn ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar kwistjoni prettament xjentifika u komplessa billi strahet fuq xiehdet [*sic*]”;

Ikkunsidrat:

Illi tajjeb illi jigi rilevat illi fil-penultimu paragrafu tar-rikors ta’ appell tieghu l-attur jissottometti hekk:
“Dwar it-tliet aggravji jwasslu ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzzjonijiet zbaljati (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Minn din is-silta tar-rikors ta’ appell, jemergi car illi l-istess appell huwa ippernjat fuq is-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi processwali. Dina l-Qorti ezaminat b’hafna reqqa - precizament kif

ghamlet l-ewwel Qorti - il-provi kollha prodotti u, mhux biss ma ssibx x'ticcensura fl-apprezzament ta' dawn il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, imma taqbel kompletament ma' l-istess apprezzament illi wassal lil dik il-Qorti illi tikkonkludi korrettement illi "… l-konsegwenza logika li tista' twassal ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-attur hija li l-konvenuta, … marret ma' xi ragel iehor u kkommettiet adulterju …;  dan certament ma giex ippruvat mill-attur u ghalhekk il-Qorti, apparti kull analisi genetiku li seta' sar u li kollha indikaw li t-talba ta' l-attur ma kelliex tigi milqugha anqas fuq bazi xjentifika, il-Qorti ma tarax li l-attur irnexxielu jipprova li martu kkommettiet adulterju la ma' missieru u lanqas ma' xi terza persuna li seta' wassal ghat-tqala taghha u ghat-twelid ta' Conrad";

Dina l-Qorti tista' liberament tieqaf hawn u tirrespingi l-appell interpost, però, sejra xorta wahda taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-aggravji avanzati mill-appellant kontra s-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' l-asserzjoni ta' l-attur appellant, maghmula fl-ewwel (1) aggravju tieghu hawn fuq riportat, illi s-sentenza appellata "skartat" il-punt "li l-attur qatt … ma seta' jkollu tfal". Dana ghaliex, minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti mhux "skartat" dak illi qed jghid l-appellant izda waslet ghall-konkluzjoni gusta illi l-allegazzjoni ta' l-attur - liema allegazzjoni hija l-bazi tat-talbiet attrici - illi huwa "qatt ma seta' jkollu tfal" mhix sorretta mill-provi prodotti, senjatament dawk ta' natura xjentifika rizultanti mill-opinjoni studjata u akkademika ta' l-esperti medici addizzjonali;

Fost is-sottomissjonijiet illi jaghmel l-attur fir-rikors ta' appell sabiex jissotanzja l-ewwel aggravju tieghu hemm din:
"Illi f'din il-kawza huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu."

Din hija sottomissjoni inveritiera u assurda. Hija inveritiera ghaliex fl-atti processwali ma hemm ebda ombra ta' prova illi l-konvenuta Josephine Cutajar (wahda mill-"partijiet") iddikjarat jew b'xi mod iehor accettat "… illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu". Hija assurda ghaliex, kieku huwa veru illi huwa "pacifiku" ghall-konvenuta "… illi l-attur ma setax ikollu tfal wara li ghadda l-pubertà tieghu", l-istess konvenuta setghat biss twiegeb ghat-talbiet attrici billi tammettiehom. Mhux hekk ghamlet il-konvenuta!

Illi, ghar-ragunijiet imsemmija, l-ewwel aggravju ta' l-attur ma jistax jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta' l-appellant, dina l-Qorti mhux talli ma tara xejn hazin fil-fatt illi l-ewwel Qorti, fl-ezercizzju tal-gudizzju taghha, accettat u abbraccjat l-opinjonijiet u konkluzjonijiet ta' natura medika u xjentifika ta' l-esperti addizzjonali, talli tafferma illi fil-fehma taghha dawn l-opinjonijiet u konkluzjonijiet ta' l-esperti addizzjonali jikkonvincuha. Dak illi ma taqbilx mieghu dina l-Qorti huwa illi ma jirrizultax illi - kif qed isostni l-appellant - sabiex waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom, il-periti addizzjonali "… strahu ghal kollox fuq ir-rizultat tad-DNA testing" (sottolinear tal-Qorti). Huwa sufficjenti, f'dan ir-rigward, illi ssir riferenza ghall-paragrafi enumerati minn hdax (11) sa erbatax (14) tar-relazzjoni tal-periti addizjonali illi fihom huma jaghmlu osservazzjonijiet validi hafna dwar l-*azoospermia* ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant ma hemmx wisq x'jinghad. Dina l-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawk il-provi processwali konsistenti fid-depozizzjonijiet tax-xhieda illi m'humiex persuni xjentifici, senjatament dawk il-provi illi jirrigwardaw il-mod ta' hajja tal-konvenuta. Dina l-Qorti hija ta' din il-fehma ghalkemm, la darba l-ewwel Qorti kienet konvinta - kif jirrizulta illi kienet - illi ma giex pruvat

dak illi fuqu, u fuqu biss, kif già inghad, l-attur ibbaza t-talbiet tieghu, jigifieri l-premessa "… li dan it-tifel [Conrad] mhuwiex tal-attur billi l-attur ma setax ikollu tfal …", ma kienx strettament mehtieg illi tigi indagata l-kondotta tal-konvenuta. A skans ta' ekwivoci, però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, kif già ukoll inghad, hija taqbel ma' dak illi kkonkludiet l-ewwel Qorti dwar il-mod ta' hajja tal-konvenuta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------